**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 10 ta' April, 2019**

**Rikors nru: 176/18 AGV**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-12 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni extra-konjugali mal-konvenut u minn dina r-relazzjoni twieldu zewgt itfal, u cioe' E li twieldet fit- 25 ta' Lulju 2006 u F li twieled fil- 14 ta' Novembru, 2011 ( Ara Dok A u B).

2. Illi l-intimat gharaf tieghu kemm lil E u kif ukoll F u tahom kunjomu, cioe' D.

3. Illi dina r-relazzjoni intemmet wara li l-intimat beda relazzjoni ohra ma' certa GH.

4. Illi illum z-zewgt itfal komuni minuri qed jitrabbew minn ommhom l-esponenti, l-intimat ilu x-xhur ma jara lill-uliedu nonostante l-inkorregjament tal-esponenti biex hu jzomm kuntatt maghhom. L-intimat jghid li x-xoghol ma jhallilu hin ghal xejn.

5. Illi l-esponenti pprocediet bil-procedura tal-medjazzjoni biex il-posizzjoni tal-kontendenti tigi regolata skont il-Ligi, izda ftehim ma intlahqax u b' digriet numru 1104/2018 tat- 23 ta' Mejju 2018 dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprocedu b' kawza fit-termini mposti fil-Ligi ( Ara Dok C).

6. Illi l-intimat jahdem bhala waiter fir-Restaurant San Paolo Naufragio, Valletta, u jaghmel xoghol ta' kisi ma' AG Installations, mentri l-esponenti hija mara tad-dar , li ghalissa tghix fuq l-ghajnuna tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

7. Illi b' digriet iehor tal-5 ta' Gunju 2018, dina l-Onorabbli Qorti provizorjament akkordat lill-esponenti l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri u ordnat lill-intimat ihallas lill-esponenti manteniment ta' 450 Euro kull erba' gimaghat li jinkludu spejjez tas-sahha u tal-edukazzjoni (Ara Dok D).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghal ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tordna l-kura u kustodja tat-tfal minuri E u F ahwa D, tigi fdata esklussivament f' idejha, b' dana li l-konvenut jkollu access ghall-ismemmija tfal minuri skont dawk il-modalitajiet illi dina l-Onorabbli Qorti jidhirlha xierqa fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

2. Tordna illi l-beneficcju u / jew ghajnuna socjali li jkunu pagabbli ghall-minorrenni memmija jigu percepiti mill-attrici.

3. Tiffissa rata alimentari adegwadata ghall-istess minuri mehud in konsiderazzjoni l-htigijiet taghha fir-rigward tas-sahha u tal-edukazzjoni, liema retta alimentarja ghandha tigi perjodikament riveduta skont il-mezzi tal-konvenut, u revizibbli skont l-gholi tal-hajja u dana sakemm l-istess tfal minuri jsiru maggorenni u fl-eventalita' li tfal jew xi wiehed minnhom, ikomplu bl-isudju taghhom sakemm jaghlqu l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena (23).

4. Tordna li tali retta alimentarja tal-medjazzjoni tinqata' mis-salarju tal-intimat u jithallas f'kont bankarju tal-esponenti.

Bl-ispejjez komprizi dwak tal-procedura tal-medjazzjoni u tar-rikors tat-8 ta' Mejju 2018, kontra l-intimat minn issa ingunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut CD, datata  ta' Jannar 2019;

1. Illi hemm kontestazzjoni dwar uhud mill-premessi fir-rikors promutur kif ser jigi ampjament ippruvat fil-kors ta' dal-proceduri.

2. Illi filwaqt li ma jopponix illi l-kura u kustodja tigi akkordata lill-attrici, l-esponent ghandu kull interess li jkompli jippartecipa fit-trobbija tal-minuri u fid-decizjonijet li jirrigwardawhom.

3. Illi l-esponent dejjem hallas il-manteniment dovut hekk kif akkordat minn digrieti li nghataw, bl-ahhar wiehed ikun datat 5 ta' Gunju 2018, minn dina l-Onorabbli Qorti, u qieghed sal-gurnata tal-lum , bi sforz u sagrficcji kbar, ihallas lill-attrici l-ammont ta' erba' mija u hamsin Ewro (450 Ewro), kull erba' gimghat f' manteniment lill-minuri,

4. Salv kull eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

IKKUNSIDRAT

Fil-mori tal-kawza, il-partijiet iddikjaraw li qed jaqblu fuq is-segwenti:-

(i) Il-kura u kustodja tal-minuri E u F tigi fdata eskluzzivament lir-rikorrenti;

(ii) Kwalsiasi beneficcji socjali u ghajuna socjali ghal istess minuri tigi ppercepita mir-rikorrenti;

(iii) Il-manteniment li ser ihallas l-intimat lir-rikorrenti ghal uliedhom minuri ser ikun fl-ammont ta' €450 fix-xahar u jinkludu spejjes ta' edukazzjoni u sahha u l-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja skond digriet tal-5 ta' Gunju, 2018 moghti fl-ittra ta' medjazzjoni Nru. 1442/2017;

(iv) L-access tal-intimat ghal istess minuri ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Sibt mis-14.30 pm sas-16.30 pm fid-dar ta' missieru ID ( cioe' n-nannu patern tal-minuri).[1]

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u takkorda l-kura u kustodja eskluzziva lir-rikorrenti b'dana li l-intimat ikollu access fil-gurnata u hin stabbilit u cioe' kull nhar ta' Sibt mis-14.30 pm sas-16.30 pm fid-dar ta' missieru ID ( cioe' n-nannu patern tal-minuri).

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-intimat ihallas manteniment fis-somma ta' €450 fix-xahar u jinkludu spejjes ta' edukazzjoni u sahha u l-istess manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja skond digriet tal-5 ta' Gunju, 2018 moghti fl-ittra ta' medjazzjoni Nru. 1442/2017. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jsiru maggorenni jew jibdew jahdmu, liema wahda tavvera ruhha qabel jew sakemm jaghlqu 23 sena jekk ikunu baqghu jistudjaw u ma jkollhomx impjieg full-time;

4. Tilqa' r-raba' talba.

[1] Ara nota datata 27 ta'Frar, 2019.

In vista tal-fatt li l-partijiet waslu ghall-ftehim bejniethom l-ispejjes ghandhom jinqassmu bin-nofs, inkluz dawk tal-medjazzjoni u tar-rikors tat-8 ta' Mejju, 2018.

**Onor. Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**